Kunsill Lokali

Local Council

Ix-Xewkija

**ID-DISA' LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 35**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ix-Xewkija**

Il-Kunsill Lokali ix-Xewkija iltaqa' fl-uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill fi Triq Santa Katerina, Xewkija nhar il-Ħamis, 25 ta' Ġunju 2026. Il-Laqgħa bdiet fl-17:00.

PREŻENTI:

Simona Refalo – Sindku

Paul Azzopardi – Viċi Sindku

Jeanelle Attard – Kunsilliera

Josef Charles Hili - Kunsillier

ASSENTI B'APOLOGIJA (skond ordni Permanenti 14A (3):

George Zammit – Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marion Mejlak – Segretarju Eżekuttiv

**35.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;**

Inqrat l-ittra ta' apoloġija tal-Kunsillier George Zammit.

**35.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

Il-minuti tal-Laqgħa Nru 34 ġew iċċirkolati minn qabel u kienu meqjusa moqrija u ġew approvati.

**35.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku;**

*CCTVs*

Is-Sindku bdiet billi qalet li tixtieq li tagħti aġġornament rigward il-cameras li ġew installati fir-raħal. Hija qalet dawn issa qed joperaw pero wriet id-dubbji tagħha kemm ser jaqbdu in-numri tal-liċenzja tal-karozzi. Kompliet billi tgħid li rridu navżaw lil tal-LESA biex ikunu jistgħu jibdew jagħtu l-kontravenzjonijiet.

Ġie deċiż unanimament li għandha tinħareġ komunikazzjoni fuq il-media soċjali u s-Segretarju Eżekuttiv għandha tibgħat komunikazzjoni lis-Sindku sabiex tgħaddiha lil Gozo Business Chamber sabiex jibgħatuha lill-membri kollha.

It-tabelli jindikaw ukoll li vetturi kbar jistgħu jgħaddu biss mill-pjazza jekk ikunu biss ser jagħtu servizz.

*Ġnien ta' Blankas*

Is-Sindku informat lil dawk preżenti li l-cameras li hemm fil-Ġnien ta' Blankas mhumiex jaqbdu la l-kamra u lanqas fl-inħawi tal-girna. Ġie deċiż li nitolbu l-kwotazzjonijiet sabiex isiru l-cameras fil-ġnien, waħda mal-kamra ta' ġewwa u l-oħra fid-daħla tal-ġnien.

*Maniġġjar tat-traffiku*

Is-Sindku spjegat li reġgħu ġew provduti il-pjanti lil Transport Malta minħabba l-one ways għax kollox kien waqaf minħabba l-festa. Li fadal kemm japprovawhom minn Malta.

*Culvert fi Triq Ġidi*

Il-Viċi Sindku staqsa rigward il-culvert li ma kienx ikkomunikat fejn is-Sindku wieġbet li ser tikkonferma.

*Problema tal-wirdien fil-pjazza*

Is-Sindku tenniet li hemm problema kbira tal-wirdien fil-pjazza, is-Segretarju Eżekuttiv għandha tipprovdi l-kuntatt ta' resident li qal li għandu soluzzjoni għal din il-problema.

### 35.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera;

Ma' kien hemm l-ebda mistoqsija.

### 35.5 Korsijiet tas-sajf;

Is-Sindku stiednet lill-Kunsilliera Jeanelle Attard sabix tagħti aġġornament fuq il-korsijiet tas-sajf. Il-Kunsilliera Jeanelle Attard bdiet billi spjegat li għal kors tal-mużajk l-animatura qed titlob is-somma ta €20 kull siegħa għal sittax il-siegħa. Dan il-kors ser jammonta għal €320 u ġie deċiż li dan il-kors ser isir dejjem sakemm ikun hemm parteċipazzjoni ta' minimu ta' sitta.

Il-Kunsilliera Jeanelle Attard semmiet ukoll kors tal-music ensemble li ser ikun mgħallem minn erbgħa surmastrijiet differenti u qedin jitolbu is-somma ta €500 għal kors sħiħ. Ġie deċiż unanimament li dan il-kors ma jsirx.

Is-Sindku ġibdet l-attenzjoni lill-Kunsilliera Jeanelle Attard li trid tkun imparzjali fuq din il-kwistjoni peress il-konflitt ta' interess li hemm peress li hemm familjari tagħha fl-għaqda tal-banda. u tenniet li bħalha Kunsill mhux ser iħallas dik is-somma. Is-Sindku kompliet billi qalet li l-Kunsill diġà qed jagħti ħafna għajnuna lill-għaqdiet tar-raħal.

Is-Segretarju Eżekuttiv staqsiet lill-Kunsillera Jeanelle Attard rigward il-kors tal-mudellar kif ser isir il-ħlas u min ser iħallas biex tinkera s-sala. Għandha tinġabar kwotazzjoni minn għand tal-Banda Prekursur għas-sala. Hija għandha tikkuntattja lis-Sur Charles Borg rigward il-ħlas tas-sala. Il-Kunsilliera Jeanelle Attard issuġġeriet li fuq il-poster għandu jinkiteb li l-prezz ta' €100 huwa ssussidjat minn €120.

### 35.6 Applikazzjoni Ġibjun;

L-skema SPI/SCI/04/2026 ser tiġi sottomessa kif kien diġà miftiehem f'laqgħa preċedenti. Il-perit ipprovda d-dokumenti meħtieġa.

### 35.7 Skema Milied;

Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li l-applikazzjoni saret fuq l-attività li ser ikun hemm fil-pjazza ta' letter box fejn it-tfal jħallu l-ittri għal Father Christmas. Id-dwal ta' Triq San Bert ġew inklużi fl-applikazzjoni fejn l-ispejjez ser jinqasmu fuq sentejn jew tlieta. Ser issir ukoll siġra tal-Milied fil-pjazza u ser titħalla mużika tal-Milied għaddejja fil-pjazza matul il-ġranet tal-Milied.

Ġie ssuġġerit li s-siġra tal-Milied issir quddiem l-uffiċini tal-Kunsill Lokali.

### 35.8 Kuntratt Għaqdiet;

Is-Sindku spjegat li l-kuntratt ta' l-għaqdiet sar eżatt fuq il-kuntratti li jsiru mill-Ministeru għall-Għawdex. Hija qrat il-kuntratt kollu li ġie mibgħut lill-għaqdiet. Il-kuntratt jinsab anness mal-minuti bin-numru 1. Is-Sindku spjegat il-punti t'hawn taħt:

- A – poster irid jiġi provdut lill-Kunsill għall-approvazzjoni.
- C (d) – double funding – ma jistgħux jiġu preżentati l-istess fatturi għall-fondi mitlubha
- D – jkun hemm klawsola jiddependi minn hu l-organizzatur hux il-kunsill jew l-għaqda, isir kuntratt bl-obbligazzjonijiet u responsabiltajiet
- E – jimxu mall-liġi, is-Sindku ġabet l-eżempju ta' bejgh tax-xorb għall minuri
- G – Health and Safety Officer irid jiġi ingaġġat mill-organiżżatur
- I – jekk l-organiżżatur jħalli l-ħmieġ wara l-attivita, jkun responsabbli l-organizzatur minn kull spiża li l-kunsill li jidħol għaliha
- M – ċċarat li dawn huma spejjeż ta' meta ma ssirx l-attivita minħabba force majeur u ċerti spejjeż li jkunu diġà ġew involuti, jitħallsu lill-Għaqda
- R – importanti li jinġabru tlett kwotazzjonijiet ta' ammonti 'l fuq minn €500 għall- fondi li ser ikun iħallas il-kunsill

Il-Kunsilliera Jeanelle Attard qajmet il-punt li bħalha għotjiet lill-għaqdiet tajjeb li l-Kunsill ikun jaf l-ammonti eżatt. Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li wara laqgħa mad-dipartiment, ġie kkommunikat li jekk ikun hemm pagamenti ta' aktar minn €5000 f'sena lill-fornitur wieħed dan jiġi 'direct order'.

### 35.9 Proġett ta Ġokk;

Is-Sindku bi pjaċir infurmat lil dawk preżenti li Project Green ser jagħtu l-fondi lill-Kunsill għal dan il-proġett però l-proġett ser ikun amministrat mill-Kunsill stess. Is-Segretarju Eżekuttiv staqsiet lill dawk preżenti jekk japprovawx id-divoluzzjoni għall-playingfield Ta' Ġokk. Dawk preżenti qablu.

### 35.10 Tindif tar-Raħal;

Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li t-tender tat-tindif għalaq u hemm bżonn l-approvazzjoni sabiex jew tiġġedded jew tinħareġ tender oħra. Dawk preżenti qablu sakemm it-toroq jitnaddfu kollha. Is-Sindku staqsiet jistgħux jitniżżlu t-toroq kollha fuq it-tender fejn is-Segretarju Eżekuttiv wieġbet li skond kif inhu t-tender it-toroq kollha huma mdaħħlin bi klawsola u ma' jista jinbidel xejn mit-tender.

### 35.11 Project Manager;

Is-Sindku qrat il-minuta 25.3 rigward il-project manager u li qabel kien jitħallas b'5% tal-proġett. Hija spjegat li d-DLG ħareġ ċirkulari sabiex il-kunsilli jkollhom din il-funzjoni. Hija qrat iċ-cirkulari maħruġa mid-DLG numru 02/2021 fejn il-project manager jista jiġi ngaġġat jew b'impjieg jew inkella tinħareġ tender. Is-Sindku qrat id-direttiva u qalet li din hija obbligatorja fejn il-viċi sindku staqsa liema kunsilli f'Għawdex għandhom din il-funzjoni.

Is-Sindku qalet li hemm il-proġetti li l-kunsill għandu mal-ministeru kollox wieqaf u l-kunsill mhux qed ikollu risposta. Hija semmiet li l Belveder kellhom jagħmlu second hand supply tal-ilma u ma saritx, Ġnien il-Ħaddiem suppost kellu jkun hemm store u lanqas saret. Il-kunsilliera Jeanelle Attard staqsiet jekk ikun hemm il-project manager l-affarijiet humiex ser ikunu differenti fejn is-Sindku wieġbet li dan ikun dmiru li l-affarijiet isiru tajjeb u joqgħod isostni hu fuq l-awtoritajiet u l-kuntratturi.

Is-Sindku qalet li l-project manager aħjar jidħol b'impjieg inkella bil-5% fejn is-Segretarju Eżekuttiv qalet li bħalha spiża u paga ser tiġi ħafna fuq il-kunsill għax impjieg irid jibqa jitħallas mhux bħal tender. Is-Sindku wieġbet li dan għandu jsir b'mod definit. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li jekk isir impjieg ta' tlett snin u jerġa jiġġedded l-impjieg dan jiġi indefinit.

Is-Sindku qalet li dawn il-proġetti kollha li għandu l-kunsill iridu jitlestew f'sentejn li huma Ġnien il-Ħaddiem, l-Learning Hub, Ta'Ġokk Playing field, is-sqaqien, Playingfield tal-Barmil u Turf tal-ground ta' l-iskola. Il-kunsillier Josef Charles Hili qal li dan il-proġetti impossibbli jitlestew f'sentejn għax ser ikun hemm elezzjoni u x-xogħolijiet jieqfu.

Is-Sindku qalet li dawn il-proġetti għandhom jitlestew għax għadu ma sar xejn fuq proġetti. Il-Kunsilliera Jeanelle Attard qalet li jekk hemm biżżejjed fondi ssir.

Is-Segretarju Eżekuttiv bdiet tikkalkula jekk issir b'5% ikunux spejjez inqas minn paga fejn is-Sindku sostniet li mhux ġustifikat li ġibna l-fondi u l-proġetti mhux ser ikunu lesti.

Hija qalet ukoll li jrid ikun hemm xi ħadd li jiġri warajhom għax dan ikun xogħolu u jmur jitkellem hu mal-awtorijiet. Il-Kunsilliera Jeanelle Attard sostniet li jekk hemm fondi isir però jridu jsiru kalkolazzjonijiet sew. Is-Sindku spjegat li qabel kienet li l-5% kienu jinqatgħu mill-kont tal-kuntrattur u issa qeda 5% fuq kollox.

Il-Viċi Sindku qal li għalkemm wieħed igħid li jkun hemm timeline dan xorta jinqalgħu ntoppi u l-proġetti jitwalu. Il-Kunsilliera Jeanelle Attard qalet li fl-interess ta' kulħadd il-proġetti jingħalqu.

Is-Sindku uriet it-tħassib tagħha għax kien hemm kuntratt iffirmat tal-kunsill ta' Kerċem mal-ministeru wara li ġie ffirmat ta' Ġnien il-Ħaddiem u l-proġett ta' Kerċem beda u Ġnien il-Ħaddiem għadu ma bediex.

Il-Viċi Sindku wera x-xewqa tiegħu li dan il-kuntratt għandu jsir bil-5% u jekk jisfaxxa xi proġett il-Kunsill ibati il-5% u mhux il-paga.

Is-Sindku qalet li dan huwa dritt tagħha kif tagħtiha l-liġi. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li għandhom igħaddu vot kif jixtiequ jagħmlu dan l-impjieg.

Il-Viċi Sindku qal li hu ddispjaċut li anke proġett li beda hu meta kien Sindku u dan għadu ma' tlestiex u li dan kien isir bil-ħaddiema tal-kunsill.

Is-Segretarju Eżekuttiv għandha tiċċekkja biex tinħareġ l-approval mid-DG.

**35.12 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' l-Iskeda ta' Pagamenti;**

L-iskeda tal-pagamenti 06/2026 ġiet approvatha u ffirmatha.

**35.13 Korrispondenza u Ilmenti;**

24.06.2026 – Upgrading of performance bonuses community workers – minflok 5% performance bonus ser isir 10%, is-Segretarju Eżekuttiv qalet li qed jistennew mill-ANSEK biex jaraw kif ser jimxu

26.05.2026 - ENERCOM 2nd Call Malta National Webinar - Tomorrow 27th May 2026

26.05.2026 - Cir AKL 2026/039_Sessjoni ġewwa l-Esplora

26.05.2026 – Cir AKL 2026/038_Survey regarding vacant and derelict dwellings in Malta

26.05.2026 - Cir AKL 2026/037_Consultation of local and regional authorities on local integration practices concerning migrants

27.05.2026 - Cir AKL 2026/040_LCA Summer Connect 2025 – Alfa Gardens Edition 10.07.26

28.05.2026 - Cir AKL 2026/041_ALDA International School for Local Democracy 2026

02.06.2026 – Abbozz ta' ftehim

15.06.2026 - Cir AKL 2026/041_ALDA International School for Local Democracy 2026

15.06.2026 - Cir AKL 2026/043_Laqgħa Plenarja 2026

15.06.2026 - Cir AKL 2026/044_Kampanja Blue Heart 2026 – Jum Dinji Kontra t-Traffikar tal-Persuni

15.06.2026 - Invitation to Attend Seminar and Workshop

- Talba biex issir communal disabled parking fi Triq Ħraba
- Talba minn Philip Borg Triq San Bert għall communal parking
- Talba għall permess biex tarma waħda l-monti bl-ottijiet
- Talba biex tittawwal il-bankina fi Triq Santa Katerina – mhux approvat
- Talba minn Lucas Gomez sabiex jibqgħu għaddejjin il-classes – biex ngħidulu jistax jagħmilhom fil-ground f'ħin differenti u jiftiehem ma' tal-football
- Talba minn Gozo Cycling Club għal għajnuna għal tiġrija – nitolbuh xi spejjez hemm
- Talba biex isiru xi dwal fit-triq tal-heliport minħabba t-trailers
- Talba minn Saviour Laferla fi Triq l-Indipendenza għal sleeping policemen – mhux approvat
- Talba minn Reġjun Għawdex għall group ta' l-Ukreni – għandna nibgħatu risposta, Il-Kunsilliera Jeanelle Attard qalet biex nitolbu s-sibt wara nofs inhar

**35.14 Tmiem tal-Laqgħa u Data tas-Seduta li jmiss;**

Il-laqgħa ntemmet fis 19:45 u ġiet aġġornata għall – Ħamis 30 ta' Lulju 2026 fil-ħdax ta' filgħodu

Kkonfermati llum 30/07/2026

Simona Refalo
Sindku

Marion Mejlak
Segretarju Eżekuttiv